MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 379/2002/1

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Saviour Bonello**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghalll-hlas ta’ elf tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM1,825.00,0), rappresentanti import ta’ hamsa u ghoxrin (25) kambjala, kollha ta’ LM73-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2000 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn1 sa 25 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax legali**

**mill-iskadenza sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-16 t'Ottubru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**